# 300 SENA MIT-TQEGHID TA' L-EWWEL GEBLA TAL-KNISJA PARROKKJALI

Tliet mitt sena ilu, ezattament nhar il-25 ta' Novembru, l692,fil- festa ta' Santa Katerina, l-Isqof ta' Malta, David Cocco Palmieri, qieghed l-ewwel gebla tal-Knisja Parrokkjali prezenti taz-Zejtun. Kien sinjal konkret u vizibbli li l-Parrocca taz-Zejtun bdiet thalli wara spallejha z-zminijiet ta' faqar u biza' mill-furbani li kkaretterizzaw is-sekli ta' qabel. Wara mijiet ta' snin li fihom iz-Zwieten ma setghu qatt jiehdu r-ruh ekonomikament, minhabba l-izolament tar-rahal taghhom, mhux biss mill-bqija tad- dinja, izda wkoll mill-bqija ta' Malta, fl-ahhar dawn iz-zminijiet koroh kienu spiccaw, u z-Zejtun seta' jhares lejn il-futur bil-kuragg u t-tama.



**Faqar fiz-zminijiet tan-nofs:**

Fiz-zminijiet tan-nofs iz-Zwieten kienu jghixu f'faqar liema bhalu. Xoghol ghalihom ftit li xejn kien hawn. Kienu jaqilghu x'jieklu billi jikkultivaw ir-raba jew bill jbahhru ghas-sibi. Izda dawn l-attivitajiet kellhom il-hafna incertezzi u perikli taghhom. Ir-raba mhux dejjem kien jirrendi bizzejjed biex il-bdiewa jaqilghu l-ghixien xieraq, u s-sibi spiss kien il-kawza tal-mewt u tragedji ohra. Min jista' jghid kemm irgiel Zwieten tilfu hajjithom jiggieldu mal-furbani fuq ix-xwieni, u kemm allura, nisa Zwieten sfaw romol, u t-tfal u zghazagh sfaw iltiema? Kura ghall-mard, specjalment il-pesta u l-kolera, ftit li xejn kien hawn, u hafna kienu jmutu fil-fjur taz-zghozija. Biex tkompli taggrava s-sitwazzjoni, difiza serja tax-xlokk ta' Malta ma kinitx tezisti, b'tali mod li s-sibbien Musulmani kienu jinzlu fix-xtut ta' M'xlokk, Wied-il-Ghajn u r-Ramla ta' San Tumas kull meta jridu, u jahtfu miz-Zejtun kemm iridu nies biex ikaxkruhom fil-jasar. Mhux ta' b'xejn li ghal mijiet ta'snin iz-Zejtun qatt ma seta' jiehu r-ruh, u l-popolazzjoni Zejtunija ghal hafna snin kienet tikkonsisti biss fi ftit mijiet.

**Bidu ta' prosperita' u sigurta':**

Il-migja tal-Kavallieri ta' San Gwann f'Malta fis-sena 1530 bdiet bil-mod il-mod tirranga s-sitwazzjoni. Izda mhux malajr! Il-Kavallieri, li kienu sinjuri kbar, holqu hafna mpjiegi hawn Malta, specjalment fil-bini ta' swar, knejjes u palazzi. Barra minn hekk, wara l-Assedju l-Kbir, hasbu biex jibnu mhux biss belt kapitali gdida, li semmew Valletta, izda wkoll sistema massicca ta'swar fil-Kottonera, u dawru lill-gzira ta' Malta b'numru ta' torrijiet. Din il-prosperita' gdida u din is-sistema ta' difiza sahhu qalb iz-Zwieten, li allura, bhal Maltin ohra, bdew igawdu mill-prezenza tal-Kavallieri. Dan ma garax imma f',hakka ta' ghajn. Kellhom ighaddu minn tal-anqas mitt sena wara l-Assedju biex il-frott ta'din il-qaghda nkoragganti jibda jinhass, u fiz-Zejtun jidher fil-berah bil-bini ta'Knisja Parrokkjali gdida.

**Arti barokka:**

Il-Kavallieri dahlu f'Malta wkoll l-arti barokka. Dan ghamluh l-aktar fis-sekli sbatax

(*Ikompli f'pagna 5 ...*)

(...Ikompli min pagna 3)

u tmintax. Kienu jgibu f'Malta arkitetti u pitturi barranin, specjalment Taljani, biex isebbhulhom il-knejjes u l-palazzi taghhom. Kienu wkoll jinkoraggixxu artisti Maltin billi jibghatuhom jistudjaw u jipperfezzjonaw l-arti taghhom fl-Italja. L-influenza ta' l-istil barokk tidher diga' fil-knisja ta' San Girgor, li kienet isservi ta' knisja parrokkjali qabel il-bini tal-knisja prezenti.

**Htiega ta' knisja gdida:**

Izda fl-1692, iz-Zejtun kien qieghed jikber gmielu, u barra minn hekk, iz-Zwieten kienu joqoghdu pjuttost il-boghod mill-Knnisja ta' San Girgor. Matul is-seklu sbatax, kienu nbnew ukoll diversi knejjes parrokkjali godda f' Malta li kienu tassew opri ta' l-arti. Fiz-Zejtun allura, kienet tinhass sewwa l-htiega ta' knisja parrokkjali gdida li tkun fil-qalba tal-parrocca. Izda mhux lakemm tibni knisja parrokkjali kbira, jekk flus bizzejjed ma jkunx hemm. Il-Providenza ta' Alla riedet li jinqala' bniedem ta' qalb kbira li xtara l-art li ta lill-Knisja u halla gidu kollu biex bl-imghaxijiet tieghu ghal tletin sena tkun tista' tinbena l-knisja. Dan in-nobbli kien Girgor Bonnici, li kien twieled l-Imdina, izda ghadda parti kbira minn hajtu fil-Birgu. Kemm kien ihobb lil Santa Katarina jidher mill-fatt li hu zzewweg proprju fil-festa taghha. L-ahhar snin ta' hajtu ghaddihom fiz-Zejtun, u meta miet, fis-sena 1697, gie midfun fil-knisja ta' Sant' Ang, ir-rahal ta' Fuq, kif xtaq hu stess. Din il-knisja kien bniha hu ftit tas-snin qabel.



**Il-kappillan Dun Ugolin Bonnici:**

Il-kappillan taz-Zejtun kien Dun Ugolin Bonnici, li kien jigi minn Girgor Bonnici, ghalkemm mhux mill-vicin. Ommu Dijanora kiennet sekonda kugina mar-ragel ta' Teodora, oht Girgor Bonnici. Dun Ugolin qabbad l-ahjar arkitett Malti ta' dak iz-zmien, Lorenzo Gafa', biex ihejji pjanta ghall-knisja gdida. Bhala mghallem bennej sejjah lil certu Xandru Pulis, Bormliz, li kien gie joqghod fiz-Zejtun meta zzewweg lil Margerita Zammit, tfajla Zejtunija mir-rahal t' isfel. Il-familja ta' Margerita kienet midhla sewwa ta' Girgor Bonnici. Girgor halla fit-testment li bhala mghallem tal-bini tal-knisja jigi mqabbad Xandru Pulis.

**Cerimonja tat-tqeghid ta' l-ewwel gebla:**

Ic-cerimonja tat-tqeghid ta' l-ewwel gebla saret fil-25 ta' Novembru, 1692. Saret purcissjoni bl-ewwel gebla mill-knisja ta' Sant' Ang. Il-purcissjoni kienet immexxija mill-Isqof stess, u l-lapida giet merfugha mill-kappillan, minn Dun Pasquale Zahra, l-ixjeh qassis Zejtuni, u miz-zewg kuntistabbli tar-rahal li kienu jirraprezentaw liz-Zwieten fil-Kunsill Populari. Wara cerimonja qasira izda sinjifikattiva, l-ewwel gebla tqeghdet fl-ghalqa maghrufa bhala "tal-Haggirat", il-post ezatt fejn il-lum tinsab il-knisja parrokkjali. L-impjegati l-aktar prominenti tal-Kurja ta' l-Isqof hadu sehem attiv f' din ic-cerimonja.

Kellhom jghaddu numru kbir ta' snin biex il-knisja titlesta u tigi mzejna b' diversi opri ta' l-arti kif narawha il-lum. Izda kif jghid il-Malti, "Kull mibdi, mitmum". Tliet mitt sena ilu, il-mewga ta' progress ekonomiku u artistiku kienet lahqet liz-Zejtun ukoll.